*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*
*73, ST. MARY STREET*
*TARXIEN. TXN 1704*
*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email :- tarxien.lc@gov.mt*

Kunsill Lokali – Ħal Tarxien – Local Council

# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Tarxien

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 31**

It-Tlieta 13 ta' Settembru 2021

Il-Kunsill Lokali Ħal Tarxien iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 73, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien TXN1704, fis- 6:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Joseph Abela Galea – Sindku
Darlene Vella Zammit – Vici Sindku
Thomas Debattista – Kunsillier
Neil Portelli – Kunsillier
Christian Pace – Kunsillier
Ismael Dalli – Kunsillier (attenda b`mod virtwali)
Anabelle Marmara' – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

JAG

EV

| | |
|---|---|
| **31.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| 31.1.1 | Il-laqgha tal-Kunsill Lokali bdiet fis-18:49 minhabba li ma' kienx hemm *Quorum*. |
| 31.1.2 | Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsilliera li s-Sur Ismael Dalli talab li jattendi ghall-laqgha b`mod virtwali minhabba sitwazzjoni li ma` kellux kontroll fuqa. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti ma' nstabet l-ebda oggezzjoni f' dan ir-rigward. |
| **31.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 31.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti nnumerata 30, kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ttieħdu bħala moqrija. |
| 31.2.2 | Is-Sur Christian Pace ppropona u s-Sa Anabella Marmara ssekondat l-minuti tas-Seduta numru 30, u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **31.3** | **Komunikazzjoni mis-Sindku** |
| 31.3.1 | Permezz tac-Cirkolari 2021/083 minghand l-Assocjazzjoni tal-Kunsill Lokali, s-Sindku informa lill-Kunsilliera bis-*Solidarity Fun Run* tal-President li se tinzamm fl-14 ta` Novembru 2021. Is-Sindku ppropona li r-rotta se tibda minn fejn il-Kunsill Lokali u tispicca fl-istess akwata. Is-Sindku spjega li r-rotta preciza se tigi ndikata lir-residenti u lill-Assocjazzjoni fil-jiem li gejjin. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti kien hemm qbil assolut mal-proposta tas-Sindku. |
| 31.3.2 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti b`korrispondenza minghand it-Tarxien *Pageant Group,* fejn saret rikjesta ghall-permess sabiex tinghalaq il-Pjazza fid-dati stipulati fl-ittra taghhom ghas-sena 2022, sabiex tinzamm il-Pageant. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li ma hemm l-ebda oggezzjoni f `dan ir-rigward, imma sahqu li huwa mportanti li t-Tarxien *Paegant Group* jimxi mar-restrizzjonijiet mahruga mill-awtorita tas-sahha minhabba l-pandemija u jgibu l-permessi nesessarji bhar *risk assesment* u l-approvazzjoni mill-MTA. |
| 31.3.3 | Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Superjur tal-Muzew baghat korrispondenza li tghid ,li s-Socjeta ma` tistghax tilqa` t-talba li saret mill-Kunsill sabiex l-ghaqda tiehu sehem bil-figura tax-xbieha taghhom ta` Gesu Bambin fuq il-hajt ta` biswit Dar Nazzareth, ghax dawn it-tip ta` promozzjonijiet mhux fl-istil tal-hajja taghhom. Is-Sindku spjega li filwaqt li s-Superjur irringrazzja lill-Kunsill, xtaq ukoll li d-decizzjoni tas-socjeta tigi |



EV JAG

| | |
|---|---|
| | accettata.Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li x-xewqa tas-Socjeta ghandha tkun irrispettata. |
| 31.3.4 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera bic-Cirkulari datata 7 ta Settembru 2021 minghand il-Green MT u spjega li l-Wasteserv se tibda` tinponi hlas lill-Green MT fuq l-iskart ikkontaminat li jkun hemm fil-boroz tar-riciklacc li jingabru mill-likalitajiet. Is-Sindku spjega li ghaldaqstant l-iskema Green MT infurmat lill-Kunsilli li se tibda` tibghat invoice ta` dan l-ammont sabiex jithallas mill-Kunsill. Is- Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-President tal-Assocjazzjoni tal-Kunsill Lokali diga` kkomunika mal-persuni koncernati u se tinzamm laqgha fil-qarib. |
| 31.3.5 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera bl-MWRA Award fejn il-Kunsill gie moghti t-tieni premju mill-Wasterserv. Is-Sindku spjega li bhala *grant* il-Kunsill inaghta trofew u Eur3,000 li jistghu jintefqu f`affarijiet relatati ma` skart, bhal *dog bins, waste bins,* boroz ecc. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera sabiex tittiehed decizzjoni fhiex ghandu jintnefaq il-*grant.* Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li l-Kunsill ghandu jixtri boroz suwed, *doggy bins*, u *waste bins*. |
| 31.3.6 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera bil-proposta tal-progett tal-krematorju fejn ic-cimiterju tal-Addolorata f`Rahal Gdid, li jgorr in-numru PA/5280/21. Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kellem lill-Perita u sabiex tkun salvagwardjata s-sahha tar-residenti intbghatet *letter of objection* lill-Awtorita tal-Ippjanar sabiex jigi indagat sarx xi studju. Wara diskussjoni libera u vot uaninmu bejn il-Kunsilliera prezenti, gie deciz li l-Kunsill ghandu jzomm mad-direzzjoni tas-Sindku u jibqgha juri nteress fl-applikazzjoni tal-Awtorita tal-Ippjanar. |
| 31.3.7 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-progett tar-*Reach Out Centre- Community Hall* li hu finanzjat mill-fondi Norvegizi hu mistenni li jkun lest lejn l-ahhar t` Ottubru 2021. Is-Sindku zied jghid li l-applikazzjoni tal-*Lifelong Learning Courses* giet accettat, pero` se jinzamm kors wiehed biss li hu tal-IT. Is-Sindku nforma lill-Kunsill, li s-Segretarju Ezekuttiv staqsa lill-entita koncernata ghaliex il-korsijist li applika ghalihom il-Kunsill ma` gewx milqugha, u r-risposta kienet li ma kienx hawn bizzejjed domanda minn nies kif ukoll ma hemx bizzejjed ghalliema. Is-Sindku ppropna li sena skolastika ohra l-Kunsill ghandu jaghmel l-ghalmu tieghu sabiex jheggeg lir-residenti japplikaw. Is-Sindku habbar li l-korsijiet se jibdew fl-ahhar t` Ottubru jew bidu ta` Novembru 2021. |

JAG

EV



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| **31.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri** |
| 31.5.1 | Ma kienx hemm. |
| **31.5** | **Rapporti** |
| 31.5.1 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li kif diga` gie diskuss fil-laqgha precedenti, fl-1 ta` Ottubru jaghlaq il-kuntratt mal-iskema Green MT u s-Segretarju Ezekuttiv staqsa liz-zewg skemi awtorizzati li huma Greent MT U Green PAK biex jibghatu l-proposta taghhom. Is-Sindku spjega li l-Kunsill ircieva l-proposta minghand il-Green MT biss u ghaldaqstant il-Kunsill ma` setghax jaghzel minn proposti differenti. Is-Sindku nforma lilll-Kunsilliera li l-proposta tal-kuntratt tal-Green MT hija bl-istess kundizzjonijiet tal-kuntratt ezistenti ghaldaqstant, talab lill-Green MT sabiex isiru zewg gabriet fil-Gimgha minflok wahda. Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li qed jistenna risposta mill-iskema. Fir-rigward ghat-talba tal-kuntratt li jkun ghall-sentejn hekk kif titlob ic-Cirkulari 3/2019 minghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali, s-Sindku qal li dan ma gietx accetat mill-iskema Green MT u eventwalment il-kuntratt se jkun ghall-sena u jista` jiggeded ghall-sena ohra fuq talba tal-Kunsill, xaharejn qabel l-ahhar ta' Dicembru 2022. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li l-Kunsill jibqgha jiehu s-servizz mill-iskema Green MT u jipprova jzid gabra ohra fil-Gimgha sabiex ir-residenti jinqdew ahjar. |
| 31.5.2 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li kellu l-hsieb li jsir filmat qasir sabiex il-Kunsill jippomwovi gharfien fuq is-separazzjoni tal-iskart u qal li kkomunika mal-iskema Green MT sabiex jaqsam dan il-hsieb. Is-Sindku spjega li l-iskema Green MT apprezzat hafna din l-inizjattiva u sahansitra offriet li jhalsuh huma. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li l-Kunsill ghandu jaghmel dan il-filmat qasir sabiex jizdied l-għarfien dwar is-separazzjoni tal-iskart fost ir-residenti. |
| 31.5.3 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti b`korrispondenza minghand persuna li talbet sabiex isiru *fitness classes* fi Gnien Joanne. Is-Sindku spjega li l-Kunsill irid jimxi l-istess ma kulhadd u jekk jghid iva lill-persuna irid jghid iva lill-kull min jaghmel rikjesta simili. Is-Sindku talab li ssir votazzjoni ta` jekk il-Kunsill ghandux jaccetta tali proposti, jew jekk il-Gonna Pubblici ghandhomx jintuzaw ghall-attivitajiet mill-Kunsill u l-Ghaqdiet tal-lokal bil-permess tal-Kunsill. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti, b`rizultat ta` sitta favur u wiehed astjena gie deciz li l-Gonna Pubblici ghandhom jintuzaw ghall-attivitajiet li jinzammu mill-Kunsill Lokali u l-ghaqdiet tal-lokalita` biss, bil-kunsens tal-Kunsill. Il-votazzjoni kienet kif gej; |

EV JAG



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| | Is-Sindku Joseph Abela Galea ivvota favur;<br>Il-Vici Sindku Darlene Vella Zammit astjeniet;<br>Il-Kunsillier Neil Portelli ivvota favur;<br>Il-Kunsillier Thomas Debattista ivvota Favur;<br>Il-Kunsillier Christian Pace ivvota favur;<br>Il-Kunsillier Ismael Dalli ivvota favur;<br>Il-Kunsilliera Anabelle Marmara' ivvutat favur. |
| 31.5.4 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li saru l-intervisti tal-vakanza skala 16 skond il-lista li ntbghatet mill-*Job plus,* li tinkludi persuni li jirregistraw *part 1 u part 2.* Is-Sindku qal li hadd minn dawk li applikaw ma` nstabu elegibbli ghaldaqstant, il-*Job plus* gie mgharraf u ntalabet il-lista ta nies li jirregistraw *part 3,* inkluz permess sabiex il-vakanza tigi publikata esternament. Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li se jinzammu aktar intervisti fil-jiem li gejjin u ssugerixxa li jekk tinstab persuna elegibbli din ghandha tigi ngaggata mill-ewwel ghax il-Kunsill ilu xhur b`persuna nieqsa u dan qed jostakola l-hidma tal-Kunsill. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera gie deciz li min ikun elegibbli jigi ghandu jigi ngaggat mill-ewwel. |
| 31.5.5 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li wahda mill-impjegati tal-Kunsill fi skala 13, taghat ir-rizenja taghha u talab lis-Segretarju Ezekuttiv jispjega s-sitwazzjoni. Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera li hemm bzonn li tinhareg vakanza ohra fi skala 13 u spjega li jekk xi hadd mill-impjegati tal-Kunsill japplika ghal din l-iskala u jinghazel, xorta se jkun hemm bzonn li wara tinhareg vakanza ohra sabiex ikun hemm sostituzzjoni ta` min se jitlaq. Is-Sindku staqsa ghall-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex l-iskala tal-persuna li tigi ingaggata mall-Kunsill tkun fi skala 13 ukoll, anke jekk xi hadd mill-impjegati japplika internament u jinghazel ghall-ewwel vakanza. Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv giet diskussa s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill u rrizulta li l-grad se jkun sostenibbli, ghaldaqstant talab lill-Kunsilliera sabiex tittiehed decizzjoni rigward dan. Is-Sindku staqsa lill-Kunsilliera jekk il-bord tal-intervisti ghandux ikun indipendenti kif sar fi skala 16. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti, gie deciz li jekk l-ewwel vakanza japplika ghaliha impjegat mill-Kunsill u jinghazel, il-vakanza tas-sostituzzjoni ghandha tkun ukoll fi skala 13 u l-bord tal-intervisti kellu jibqgha ndipendenti bhal ma` sar ghall-vakanza precedenti. |

| | |
|---|---|
| 31.5.6 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li l-ANSEK ghamlet stedina lis-Segretarji Ezekuttivi sabiex jattendu l-Kungress ta' UDITE li se jsir bejn il-15 u s-16 ta' Ottubru f'Metz, Franza. Is-Sindku spjega li din se tkun opportunità biex nitgħallmu aktar x'qiegħed isir fil-qasam tal-Kunsilli Lokali fl-Ewropa, naqsmu l-ideat, nagħmlu kuntatti ma' kollegi barranin u nkabbru l-għarfien tagħna sabiex nagħtu servizz aħjar lill-komunita`. Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li għalkemm l-istendina qieghda b'mod partikulari ghas-Segretarji Eżekuttivi, għal dan il-kungress xorta jistgħu jattendu Sindki, Viċi Sindki, Kunsilliera u membri tal-istaff. Is-Sindku spjega li l-ANSEK se tiffinanzja parti zghira mill-ispiza tas-Segretarji Eżekuttivi biss. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ghalkemm jixtieq imur dan mhux possibli fil-mument ghadlaqstant, ippropona li tattendi l-Vici Sindku flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv u ppropona li l-Kunsill ghandu jkopri l-ispejjez. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li s-Segretarju Ezekuttiv flimkien mal-Vici Sindku ghandhom jattendu ghall-dan il-Kungress u l-ispejjez mhux koperti mill-ANSEK ghandu jaghmel tajjeb ghalihom il-Kunsill. |
| **31.6** | **Mozzjonijiet** |
| 31.6.1 | Ma kienx hemm. |
| **31.7** | **Sejhiet ghall-offerti** |
| 31.7.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li l-kuntratt ta` sena li l-Kunsill ghandu mal-*Contracts Manager* ser jaghlaq fl-1 ta` Mejju 2022, ghaldaqstant kien jehtieg li tittiehed decizzjoni skond id-Direttiva 2/2021 Contracts(Community Works)Managers, minghand id-Dipartiment Gvern Lokali. Is-Sindku spjega li jista` jigi ngaggat xi hadd *full-time* mal-Kunsill jew inkella johrog *Tender* fuq bazi *part-time*. Is-Sindku talab l-opinjoni tal-Kunsilliera jekk il-*Contracts Manager* ghandux ikun Perit u jekk ikunx siewi li fit-*Tender* jitnizzel ukoll il-probabilita` ta progetti innovattivi li jista jkun hemm. Is-Sindku spjega li jekk ikun il-kaz, il-Kunsill ikollu jhallas *extra* ghax dawn il-progetti mhux mgharfa ghaldaqstant, ma jistghux ikunu parti mis-somma tat-*Tender*.Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li jinhareg *Tender* fuq bazi *part-time,* filwaqt li qabel ma jinhareg it-*Tender* ghandha tinzamm diskussjoni jekk ghandux ikun Perit jew persuna kwalifikata f`dan il-qasam u titnizzel klawzola li jaf ikun hemm progetti godda li jrid ikollhom bzonn monitoragg mill-*Contracts Manager*. |



JAG
EV

| | |
|---|---|
| **31.8** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti** |
| 31.8.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali s-skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 26/08) flimkien mal-lista tal- *petty cash* maħruġ matul ix-xahar ta' Awwissu / Settembru 2021 għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. |
| 31.8.2 | Fuq mozzjoni tas-Sur Neil Portelli ssekondata mis-Sur Thomas Debattista , l-Kunsill Lokali unanimament approva l-listi li huma annessi u li jifformaw parti minn dawn il-minuti. |
| **31.9** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 31.9.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fit 8.10p.m. wara li giet ezawrita l-Agenda u giet aggornata ghal nhar it-Tnejn 11 ta' Ottubru 2021 fis-6:30p.m. |

Konfermati, illum 13 ta' Settembru 2021.

**Joseph Abela Galea**
Sindku

**Emma Vella**
Segretarju Eżekuttiv

| Disposal of Assets - LC meeting 11th October 2021 | | | |
|---|---|---|---|
| Item no: | Description: | Serial No: | Model: |
| | | | |
| 1 | 19.5" Acer monitor | MMT1KEE0055530B1AF4205 | TFT-L57060 |
| | | | |
| 2 | 19.5" HKC monitor | HKC15195062302184 | 2076A |


HKC


LED MONITOR
HKC
Model : 2076A
Power : AC 100-240V 50/60Hz 1.1A
This device is suited for family and office used.Operation is subjected to the following two conditions:(1)This device may not cause harmful interface.(2)This device must accept any interference received. Including interference that may cause undesired operation
CAUTION: HIGH VOLTAGE INSIDE
MADE IN CHINA
RoHS CE
HKC15195062302184


acer



Manufacturer:Acer Incorporated
Address:8F,88,Sec.1,Hsin Tai Wu Rd.,
Hsichih,Taipei Hsien 221,Taiwan
Tel:+886-2-8691-3089
This EEE is compliant with RoHS
EEE yönetmeliğine uygundur
LED Backlight
December 2015